# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **31 TA' MARZU 2019**

**Ġabra għas-Seminarju**

Is-Sibt 30 u l-Ħadd 31 ta' Marzu 2019, il-ġbir tal-Quddies se jkun għas-Seminarju tal-Arċisqof. Id-donazzjonijiet li aħna nagħtu lis-Seminarju jmorru biex is-saċerdoti li jieħdu ħsieb lis-seminaristi jagħtu l-aħjar formazzjoni liż-żgħażagħ li qed iwieġbu għas-sejħa li qed jagħmlilhom Ġesù. Nirringrazzjawkom tal-ġenerożità tagħkom.

**Żjara Franġiskana fil-Parroċċa tagħna**

Mill-Ħadd 31 ta' Marzu sal-Ħadd 7 ta' Marzu 2019 fil-Parroċċa tagħna ser nilqgħu fostna lill-patrijiet u s-sorijiet Franġiskani. Matul din iż-Żjara Franġiskana ser jiltaqgħu mat-tfal, adolexxenti, żgħażagħ, familji u persuni oħra fil-lokalità tagħna. Inħeġġukom sabiex nitolbu għall-ġid spiritwali ta' din iż-żjara u nilqgħuhom bi ħġarna meta jżuruna fi djarna. Aktar dettalji dwar il-programm fuq in-notice boards u l-fuljett Flimkien.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**

Għada l-Ħadd 31 ta' Marzu 2019 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-tarbi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**Via Sagra fi Triq il-Gross Bellavista**

Għada l-Ħadd 31 ta' Marzu 2019 bħala Parroċċa ser nagħmlu Quddiesa u Via Sagra fi Triq il-Gross Bellavista. Nibdew fis-6:00pm bil-Quddiesa fi triq li tidħol għalija minn quddiem l-Inspire u wara Via Sagra. Kulħadd huwa mistieden.

**Quddiesa ta' filgħaxija matul il-ġimgħa**

Infakkrukom li ma sbiħ il-Ħadd naqilbu għall-ħin tas-sajf (immexxu l-arloġġ siegħa 'l quddiem). Il-ħin tal-quddiesa ta' filgħaxija matul il-ġimgħa jibda jkun fis-6:30pm.

**Eżerċizzi għal kulħadd**

Mit-Tnejn 1 ta' April sal-Ġimgħa 5 ta' April ser issiru l-eżerċizzi għal kulħadd fil-Knisja Parrokkjali fit-8.30am. Inħeġġu lill-ġenituri li jwasslu t-tfal l-iskola primarja sabiex jieħdu vantaġġ u jattendu din in-nofsiegħa eżerċizzi. Ser imexxi l-eżerċizzi Fr Martin Coleiro ofm.

**Laqgħa għall-Ġenituri li wliedhom ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof**

It-Tlieta 2 ta' April 2019 fis-7:00pm fil-Knisja Parrokkjali ser issir laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof f'Ottubru li ġej.

**Via Sagra**

Matul ir-Randan nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa jkollna t-talba tal-Via Sagra fil-Knisja Parrokkjali, għalhekk fil-5.45pm jkollna t-talba tar-Rużarju u fil-6.00pm il-Via Sagra.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Il-Ġimgħa 5 ta' April 2019 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:30pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Serata Mużika-Letterarja**

Il-Ħadd 7 ta' April 2019, fis-7:00pm il-Parroċċa flimkien mal-Għaqda Mużikali Sant'Anna ser torganizza Serata Mużika-Letterarja fil-Knisja Parrokkjali. Kulħadd huwa mistieden.

**Eżerċizzi għall-koppji**

Mit-Tnejn 8 ta' April sal-Ġimgħa 12 ta' April ser issiru l-eżerċizzi għall-koppji fis-7:00pm fil-Knisja Parrokkjali. Nħeġġu lill-miżżewġin u lil dawk li qed jibnu familja sabiex jattendu għall-eżerċizzi. Fis-Sala Sant'Anna jkun hemm min jieħu ħsieb lit-tfal. Ser imexxi l-eżerċizzi Fr Hayden Williams OFM Cap.

**Adorazzjoni u Qrar bi tħejjija għall-Festa tad-Duluri**

Il-Ħamis 11 ta' April 2019 bi tħejjija għall-festa tal-Madonna tad-Duluri fit-8:00pm fil-Knisja Parrokkjali jiġi espost Ġesù Ewkaristija sad-9:30pm u se jkun hawn ukoll saċerdoti minn barra Wied il-Għajn għall-Qrar. Tajjeb li ngħożżu din il-ġurnata għażiża għalina l-Maltin billi nersqu lejn il-Mulej Ġesù bis-saħħa tas-sagramenti tal-Qrar u l-Ewkaristija.

**Mother and Baby Club**

Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Għid nhar l-Erbgħa 10 ta' April 2019. Biljetti mill-Mother and Baby Club nhar ta' Erbgħa mis-Sala Sant Anna.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 13 ta' April 2019 fil-Knisja tan-Nigret, ir-Rabat fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Figolli**

Fuq iz-zuntier qed jinbiegħu l-figolli magħmulin mill-helpers tal-parroċċa tagħna. Grazzi.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' April 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.